MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 537/2008

**Paul Mercieca (ID 235352 M) kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' civili Deloitte & Touche**

**vs**

**J & L Limited – (C 17846)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghal hlas ta' elf, disgha mija, tlieta u sebghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1,973.45) kwantu ghal €151.18 skont fattura datata 1 ta' Jannar, 2004, kwantu ghal €96.67 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 2 ta' Jannar, 2004, kwantu ghal €599.21 skont fattura datata 30 ta' April, 2004, kwantu ghal €65.13 skont fattura datata 9 ta' Gunju, 2004, kwantu ghal €800.14 skont fattura datata 16 ta' Gunju, 2004, kwantu ghal €261.12 skont fattura datata 29 ta' Novembru, 2004 (kopji relattivi u ta' prospetti annessi ma` l-avviz) u dan

kollu fuq servizzi professjonali rezi oltre ‘l-VAT’ u spejjez relattivi kif debitament indikat.
Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-interessi bl-oghla rata skont il-ligi mid-data tal-hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni in subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher anke ghas-seduta ta` llum.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tat-30 ta’ Jannar, 2009 mill-Avukat Luigi A. Sansone u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------